MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1023/2001/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Attard sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Stephen Attard**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm338.92). L-ammont ta' tliet mija u tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm338.92) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tat-8 ta' Frar, 2001 f'Triq Bieb Is-Sultan, Zabbar bejn il-vettura Nru. GVH-223 misjuqa**

**mill-konvenut u l-vettura Nru. EAG-467 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat Stephen Attard, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament**
**tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern f'isem Joseph Bugeja prezentata fit-30 t'Ottubru, 2001, fejn intqal illi l-konvenut ma jirrispondix ghad-danni reklamati stante illi dawn ma grawx tort tieghu;**
**Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' Stephen Attard stante imprudenza, imperizja u negligenza da parti tieghu.**

**Semgha x-xhieda ta' John Lentini, Stephen Attard, Ex-PS613 Joe Lanzon, PC190 Jesmond Farrugia, Joseph Bugeja, Horace Borg. Ra l-affidavits ta' Joe Bugeja u Horace Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-8 ta' Frar, 2001 ghall-habta tat-8.40a.m. fi Triq Bieb-is-Sultan, Haz-Zabbar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAG-467 misjuqa mill-attur, u l-vann bin-numru ta' registrazzjoni GVH-223 misjuq mill-konvenut.**

**2. Jibda biex jinghad illi r-risposta li saret f'din il-kawza ma saritx kif suppost, in kwantu din ma saritx mill-konvenut kif tirrikjedi l-Ligi izda saret mit-Tabib Principali tal-Gvern f'isem il-konvenut. B'dana kollu, ghalkemm it-Tribunal ihoss li ghandu jirrileva din l-inkorrettezza, ghall-fini ta' praticita` t-Tribunal qed jifhem illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba attrici.**

**3. Mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg vetturi involuti fl-incident kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` lejn Cospicua hergin minn Triq Bieb is-Sultan. Il-**

**konvenut kien qed jipprecedi lill-attur pero` fuq gewwa.**
**4. Skond l-attur, l-incident gara minhabba li l-konvenut, kien ta impressjoni li kien ser jibqa' miexi fid-dritt, u minflok dan "f'daqqa wahda kiser". Il-konvenut qed jghid li kien xeghel l-indicator, u dan gie korroborat minn sieheb il-konvenut Horace Borg.**
**5. Kemm il-konvenut u Horace Borg jghidu li ma jaqblux ma l-isketch, in kwantu meta gara l-incident il-vann tal-konvenut kien gja f'Cospicua Road. F'dan il-kuntest it-Tribunal jirrileva illi l-ex-Surgent tal-Pulizija 613 Joe Lanzon ikkonferma l-isketch, filwaqt li PC190 Jesmond Farrugia qal li ma ftakarx jekk il-vettura tal-konvenut kienetx indikata fl-isketch. Pero` ma jidhirx li hemm dubbju dwar fejn kienet il-vettura ta' l-attur. Lanqas ma jirrizulta li din imxiet lura wara l-incident. Ghalhekk it-Tribunal fic-cirkostanzi hu propens li jaccetta li l-vetturi spiccaw kif indikat fl-isketch.**
**6. Punt iehor rilevanti f'dan il-kaz huwa dwar jekk il-parti ta' fejn gara l-incident ghandiex tigi meqjusa bhala roundabout jew le. Il-fattispecje tal-lok ma jaghtu xejn x'jindika li din m'ghandiex tigi kunsidrata bhala tali.**
**7. Jirrizulta wkoll li l-attur kellu d-danni fil-vettura tieghu fuq il-genb ta' quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu d-danni fil-vann tieghu fin-nofs tal-vettura n-naha tal-lemin.**
**8. Jirrizulta li l-attur kien ghaddej vicin tar-roundabout u li ma kellux aktar spazju il-fejn jersaq.**
**9. Ghalhekk tenut kont ta' dak kollu li ntqal jirrizulta li l-incident tassew gara meta l-konvenut kiser il-gewwa fsalt, minghajr ma kien attent ghall-vejikoli li ghaddejjin mieghu. Fic-cirkostanzi ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident de quo.**
**10. Bhala danni jirrizulta li l-attur sofra s-segwenti: ghaxar liri (Lm10.00) tas-survey; tlett liri (Lm3.00) tar-road accident report; tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm23.00) kiri ta' vettura; mitejn u tnax-il lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm212.75) riparazzjonijiet; u hamsa u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm65.17) "parts". Dawn igibu total ta' tlett**

**mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm313.92).**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm313.92), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta tlett mija u tlettax-il lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm313.92) bl-imghax li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**